# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju, 2001**

**Numru  145**

**Citaz.  numru:  1169/94K1 NA**

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Michael Attard Limited**

**vs**

**Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited"**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fejn ippremetta:

“Illi s-socjeta' Michael Attard Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur Pinto konsenja ta' 46 vettura Peugeot li waslet fit-18 ta' Novembru 1993;

Illi din il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat ta' l-attur bid-danni u nuqqasijiet elenkati fid-Dokument "A";

Illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqasijiet u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

Illi l-attur nomine jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet u danni riportati fil-merkanzija ta' l-assigurat tieghu fl-ammont ta' mitejn u sebgha u sittin lira u sittin centezmu (Lm267.60c0) li maghhom jizdied l-ammont ta' mija u tmenin lira (Lm180) bhala *survey fee*, ghalhekk danni totali sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' erba' mija u sebgha w erbghin lira u sittin centezmu (Lm447.60c0);

TALAB li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghad-danni kagjonati fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' Lm447.60c0;

3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm447.60c0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi kontra l-konvenuti nomine li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine w id-dokumenti minnu esebiti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela et fejn eccepixxa:-

1. “Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" ikkonsenjat il-merkanzija *de quo* fl-istess stat li rcevietha u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mil-ligi;

2. Illi ai termini ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13 tali merkanzija l-impurtatur jaf li tinhazen "*in the open and always at the sole risk of the owner*" u ghalhekk is-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" mhiex responsabbli;

3. Illi fit-tielet lok ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esibit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm267.60c0 bhala allegati danni;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess is-*survey fess* huma ghal kollox esagerati stante li l-ammont ta' Lm180 bhala *survey fees* saru proprju mis-socjeta' attrici proprio u ma hemm ebda surroga ghar-rigward ta' l-istess (Sentenza deciza fil-Qorti ta' l-Appell - Sede Kummercjali fis-6 ta' April 1992 Citaz. Nru. 112/86);

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess m'hemm ebda interessi dovuti u dan stante li si tratta dwar azzjoni ta' danni u li ghad iridu jigu likwidati w ippruvati fil-kawza nnifisha;

7. Illi fis-seba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-ebda interessi m'huma dovuti stante li s-socjeta' attrici allegatament hallset a bazi ta' l-obbligazzjonijiet taghha skond il-polza u di piu m'hemm ebda surroga ghar-rigward l-istess interessi w is-surroga hija limitata ghall-ammont deskritt fl-istess somma;

8. Illi ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 sub-inciz (3) dwar *unitised cargo (amended by Legal Notice 28/73)* u l-Artikolu 6 tal-Port Ordinance sub-inciz

(3) u l-Artikolu 90 tal-Port Regulations (Part VIII) dwar *goods stored in the open and always at the sole risk of the owner* u t-*thirteenth schedule* u ghall dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-attur nomine;

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Godwin Abela et nomine.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Joseph Apps nomine fejn eccepixxa illi:

1. "Fl-ewwel lok il-klawsola ta' esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu relattiva u cioe' li "Unprotected Motor Cars - Ship not responsible for damages and accessories" u "vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery, fittings or accessories.";

2. Fit-tieni lok li d-danni reklamati ma jirrizultawx li kienu jezistu meta l-karozzi nizlu minn fuq il-vapur u dan skond it-*tally sheets*.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Joseph Apps nomine, u d-dokumenti minnu esibiti.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru 1994, fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Rat il-provi tal-partijiet migbura mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela et nomine.

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi wara li gew ezaminati l-provi mressqa mill-partijiet ghandu jinghad is-segwenti:-

F'kazijiet bhal dawn ta' "*short landings*", id-dokumenti bhal Tally Sheets, u l-Gate Pass Out huma essenzjali sabiex jigi stabbilit f'liema stadju u fil-pussess ta' min kienet il-merkanzija meta giet nieqsa jew danneggjata.

F'dan il-kaz, hemm zewg konvenuti u cioe' Joseph Apps nomine (Sea Malta), u Godwin Abela et nomine (Cargo Handling).  Hemm prova sufficjenti li d-danni fil-merkanzija (vetturi) veru saru, u ghalhekk li jrid isir huwa apprezzament tal-provi u xhieda sabiex jigi stabbilit il-post fejn saru l-hsarat.

Jidher car illi t-Tally Sheet esibit, li fil-fatt huwa *joint tally* iffirmat minn rapprezentanti taz-zewg ditti konvenuti, ma ghandu l-ebda rimarki rigward il-merkanzija hemm imnizzla, u li kieku kien hemm xi nuqqasijiet jew danni dawn kienu jitnizzlu taht it-titolu "Remarks" hekk kif il-merkanzija tinhatt minn fuq il-vapur.  Stante li ma hemmx dawn ir-rimarki, it-*tally* hija *clean* u din hija prova fiha nnifisha li meta l-merkanzija nizlet mill-vapur ma kien fiha l-ebda danni.

Il-merkanzija mbaghad tghaddi f'idejn il-Cargo Handling Co. Ltd. u qabel ma tghaddi f'idejn l-importatur isir il-Gate Pass Out, fejn jergghu jitnizzlu xi rimarki dwar l-istat tal-merkanzija f'dan l-istadju.  Issa ma hemm l-ebda dubbju li fuq il-Gate Pass Out Dokument "PB3" esibit mix-xhud Peter Bonello, hemm rimarki dwar xi hsarat fil-merkanzija, u dan gie kkonfermat mix-xhud Bonello, rapprezentant tal-Cargo Handling, stess.

Dawn il-hsarat jikkonsistu fi:-

a. 2 rear brake lights apparently missing

b. 1 battery apparently missing

c. 4 wiper blades apparently missing

d. 4 wheel covers apparently missing

e. left hand side and bumper slightly scratched.

Dawn il-hsarat jidher li saru waqt li l-merkanzija kienet fil-kustodja tal-konvenut Godwin Abela et nomine, u ghalhekk ghandhom ikunu dawn il-konvenuti responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi.

Il-konvenut Joseph Apps nomine jidher mill-provi migbura li m'ghandux jirrispondi ghad-danni ghaliex ma kienx responsabbli ghalihom hu.

Rigward il-likwidazzjoni tad-danni, l-attur nomine esebixxa *survey* li jindika ezattament l-ammont ta' danni kagonati. Il-Qorti thoss illi jekk wiehed ser joqghod fuq id-dokument "Gate Pass Out" bhala l-aqwa prova ta' fejn u minn min saru d-danni, wiehed irid joqghod fuq dan id-dokument ukoll ghar-rigward ta' f'hiex kienu jikkonsistu d-danni. Milli jidher zdiedu

xi danni ohra ma' dawk elenkati fil-Gate Pass Out, stante li l-importatur induna bihom wara. Dawn ta' l-ahhar, u cioe' "*1 interior mirror*", u "*labour costs*" relattivi ma jistghux jaghmlu parti mill-ammont likwidat stante li ma ngabitx prova sufficjenti li dawn id-danni saru waqt li l-merkanzija kienet fil-kustodja tal-konvenuti jew min minnhom.

Illi ghalhekk jekk wiehed jiehu s-*survey report* (a fol. 6 u 7 tal-process) mill-ammont ta' Lm267.56c irid jitnaqqas l-ammont ta' Lm6.01c (prezz ta' l-*interior mirror* u *labour costs*). L-ammont hekk likwidat ta' danni jammonta ghal **Lm261.55c**.

Illi fir-rigward tat-tieni w it-tmien eccezzjoni tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" fl-ewwel lok jigi rilevat illi s-sub-inciz (3) ta' l-Artikolu 79 tal-Port Regulations ma japplikax ghall-kaz prezenti peress illi dan is-sub-inciz jitkellem biss fejn "*fil-kaz ta' taghbijiet f'unita wahda jew merkanzija migbura f'unita wahda....*". Dan apparti kif gie sollevat minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawza "Av. Dr. Joseph Zammit McKeon noe vs David Jones noe et" (Prim'Awla - deciza 16/10/1996) dawn ir-regolamenti "*jitkellmu fuq l-obbligu tad-Direttur li jaghti ricevuti u mhux fuq ezenzjoni mir-responsabbilita' legali tieghu*".

F'din is-sentenza citata din il-Qorti ezaminat ukoll it-tifsira li ghandha tinghata lill-Artikolu 90 u lit-Tlettax-il Skeda ta' l-istess Port Regulations fir-rigward ta' oggetti mahzuna jew depozitati fil-berah "*dejjem a riskju biss tas-sid*". Hija waslet ghal konkluzzjoni:

> "*...illi r-riskju msemmi fir-Regolamenti ovvjament jezumi minn kull responsabbilita' lid-Direttur jew kuntrattur tieghu ghal danni rizultanti minn forza maggiori. Dan pero' mhu xejn hlief applikazzjoni normali tal-principju tal-kuntratt ta' Depozitu, kif ukoll tal-principju legali generali li r-riskju, fis-sens legali, jibqa' mas-sid.*
>
> *Wiehed pero' jrid imur oltre biex l-istess Regolamenti jaghmlu sens giuridiku. Huwa ovvju li meta merkanzija tigi depozitata fil-berah u mhux fil-mibni hija soggetta ghal possibbilita' ta' hsara minn elementi naturali tax-xita, xemx u r-rih aktar minn normali.*
>
> *Huwa ovvju wkoll li l-Ministru permezz ta' dawn ir-Regolamenti ried jipprotegi lill-istess Direttur minn din l-eventwalita' u jezonerah minn kull hsara kkagunata minn dawn l-istess elementi li jmorru ferm oltre l-"forza*

*maggore" normali pero' li kontra taghhom id-Direttur, fir-rigward ta' merkanzija, li minhabba n-natura taghha trid tinhazen fil-berah, ma jista' jaghmel xejn biex tigi evitata l-hsara.*"

Dan pero' ma kienx ifisser "*li d-Direttur ma hu qatt responsabbli f'dan il-kaz, u li ma ghandhomx japplikaw il-principji tal-Kodici Civili fuq imsemmija....*" u dana b'riferenza ghall-Artikoli 1037, 1630 u 1899 tal-Kodici Civili li jittrattaw l-obbligi tad-Depozitarju u dawk tal-Vetturali bl-Art jew bil-Bahar. (Jinghad illi kull riferenza ghad-Direttur tiswa wkoll ghas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" li hija l-kuntrattur tieghu fil-portijiet).

Ghal dawn ir-ragunijiet dawn iz-zewg eccezzjonijiet qeghdin jigu michuda.

Rigward is-*survey fees* fl-ammont ta' Lm180 dan l-ammont huwa ppruvat bid-Dokument "A" a fol. 5 tal-process u din hija spiza necessarja inkorsa fic-cirkostanzi prezenti f'din il-kawza.

Peress illi d-danni mill-ewwel gew likwidati fic-citazzjoni stess (hlief ghal diskrepanza zghira fuq imsemmija), l-interessi ghandhom jiddekorru mid-data tac-citazzjoni.

Rigward l-ispejjes tal-kawza l-attur nomine kellu bilfors imexxi kontra z-zewg konvenuti stante li meta kitbilhom sabiex izommhom responsabbli ghad-danni, hadd mill-konvenuti ma wrieh id-dokumenti necessarji sabiex jipprova li ma kienx responsabbli, izda semplicement cahdu kwalsiasi responsabbilta'. Ghalhekk l-attur m'ghandux ibati l-ispejjes tal-kawza.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti:

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" responsabbli ghad-danni kagonati fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sittin centezimu (Lm441.60);

3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" thallas lill-attur nomine s-somma ta' erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sittin centezimu (Lm441.60) bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom hija responsabbli l-istess socjeta' konvenuta u dana bl-imghax legali minn notifika tac-citazzjoni.

Fir-rigward ta' l-ispejjes in vista ta' dak fuq dikjarat l-ispejjes attrici u dawk tas-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" jithallsu minn din is-socjeta' konvenuta fil-waqt illi s-socjeta' konvenuta l-ohra "Sea Malta Company Limited" ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.